MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Numru. 173/2012

Il-Pulizija
(Sp Godwin Scerri)
vs
Warren Azzopardi, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Marzu, 1988,karta ta’ l-identita numru 134888(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-8 ta’ Jannar, 2012 għal ħabta tas-2.30 a.m. ġewwa l-‘Havan Club’, Triq San Ġorġ, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Jean Paul Farrugia f’perikolu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta’ natura gravi, hekk kif iċċertifika Dr. Ezaguy Filipa da Cunha ta’ l-Isptar Mater Dei.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2012 fejn il-partijiet qablu li l-feriti li ġarrab Jean Paul Farrugia huma ta' natura ħafifa.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati li kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jean Paul Farrugia. Rat l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lil Jean Paul Farrugia taħt penali ta' €500 għal żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------